MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1048/2002

***PricewaterhouseCoopers***

***Versus***

***MCM Aluminium Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' ħamest elef, seba' mija u ħamsin lira (Lm5,750), bilanċ għal servizzi illi irrendiet lis-soċjetà konvenuta, flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' mandat kawtelatorju.

L-attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b'dikriet tad-29 ta' Novembru 2002 ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura ordinarja, u s-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-azzjoni ta' l-attriċi waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 2149(*ċ*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u
2. dak li qiegħda titlob l-attriċi ma huwiex dovut.

Il-fatti seħħew hekk:
Is-soċjetà attriċi kienet tagħti servizzi ta' *accountancy* u *auditing* lis-soċjetà konvenuta. Ġara illi f'xi żmien is-soċjetà konvenuta ma setgħetx tħallas u għalhekk l-attriċi waqqfet ix-xogħol. Fl-1998 il-partijiet waslu għal ftehim biex jitkompla x-xogħol, u dan il-ftehim tniżżel f'ittra tal-10 ta' Settembru 1998 mibgħuta mill-attriċi lid-direttur tal-konvenuta. Fil-parti relevanti għall-kawża tallum, l-ittra tgħid hekk:

1. We are to recommence our audit work on the 22nd of Septembrr 1998 to carry out the following:

… … …

(b) MCM Aluminium Limited

Finalise the audits in respect of the years ended 31 December 1993 to 1996 both years inclusive for which an agreed fee of Lm3,500 has been agreed.

Carry out the audit in respect of 1997 for an agreed fee of Lm750.

2. We are to carry out the above work so as to try and bring all of this Group's accounts up to date, *i.e.* till the end of 1997 and we shall endeavour to have it completed by the end of October 1998. … … …

B'ittra tal-5 t'Awissu 1999 l-attriċi bagħtet *draft accounts* għas-snin 1993 sa 1997 iżda x-xogħol kien għadu ma tlestiex għax kien hemm xi "*outstanding points and points to be cleared*". Jidher illi sal-31 ta' Diċembru 1999 ix-xogħol tlesta għax dakinhar l-attriċi bagħtet fattura biex titlob dawn il-ħlasijiet:

| Preparation and audit of the company's accounts for: | Lm |
|---|---|
| the four years ended 31 December 1993, 1994, 1995 and 1996 | 3,500.00 |
| Year ended 31 December 1997 | 750.00 |
| Accountancy services in preparing the above accounts | 750.00 |
| | 5,000.00 |
| VAT at 15% | 750.00 |

| | |
|---|---|
| Total | 5,750.00 |

Fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2006 is-soċjetà konvenuta stqarret illi l-kontestazzjoni tagħha hija biss dwar l-aħħar *item*, *i.e.* "*accountancy services in preparing the above accounts*".
Inqisu l-ewwel il-preskrizzjoni taħt l-art. 2149(*ċ*) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid illi l-azzjonijiet ta' persuni li jeżerċitaw professjoni għad-drittijiet tagħhom jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn.
Rajna illi x-xogħol kien tlesta sal-31 ta' Diċembru 1999, u għalhekk l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjoni fil-31 ta' Diċembru 2001. Il-kawża nfetħet fis-17 ta' Settembru 2002, u ma nġiebet prova ta' ebda att li jikser il-preskrizzjoni qabel dakinhar. L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għalhekk għandha tintlaqa'.
L-attriċi għalhekk għandha tieħu biss tlitt elef u ħames mitt lira (Lm3,500) għas-snin mill-1993 sal-1996, u seba' mija u ħamsin lira (Lm750) għall-1997, b'kollox erbat elef, mitejn u ħamsin lira (Lm4,250) bħala drittijiet, u taxxa fuq il-valur miżjud bil-ħmistax fil-mija (15%) li tiġi sitt mija u sebgħa u tletin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm637.50), b'kollox erbat elef, tmien mija u sebgħa u tmenin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm4,887.50).
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tilqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni dwar it-talba għall-ħlas għal *accountancy services*, tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi erbat elef, tmien mija u sebgħa u tmenin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm4,887.50), flimkien ma' l-imgħax mitlub fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż jinqasmu hekk: parti minn sitta ($^{1}/6$) tħallasha l-attriċi u ħames partijiet minn sitta ($^{5}/6$) tħallashom il-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------